**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Ottubru, 2019

Rikors Nru : 29/14 AL

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici, li permezz tieghu ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti izzewgu f'Malta nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elf disa` mija sebgha u tmenin (24.05.1987) u minn dan iz-zwieg twieled tifel fil-wiehed u tletin ta' Marzu tas-sena elf disa` mija u disghin (31.03.1990)**;**
2. Illi l-intimat irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, stante li l-istess intimat huwa hati ta' eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tieghu versu l-esponenti u in subsidium iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b'tortijiet imputabbli unikament tal-istess intimat;

3. Illi l-esponenti riedet tasal fi ftehim bonarju mal-intimat, izda dan ma kienx possibbli stante li l-intimat ma kienx jattendi ghas-seduti ta' medjazzjoni;
4. Illi l-esponenti giet awtorizzata li tipprocedi bil-kawza odjerna permezz ta' digriet numru 58/14 datat erbatax ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (14.01.2014) (kopja hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A");

Talbet prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-seprazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat C B u dan kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza;
2. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti ghaliha personalment dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi fissata minn din l-Qorti pagabbli mill-intimat lill-istess rikorrenti kull erba` (4) gimghat jew kif din l-qorti tordna u bi provvedimenti ghal zieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghal gholi tal-hajja jew jekk hekk jidher xieraq lil din l-istess Qorti, tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali u/jew tassenja propjeta immobbli lir-rikorrenti illi fil-fehma tal-qorti tkun gusta u sufficjenti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 54(3) u (6) tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta;
3. Tapplika kontra l-intimat, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 51 sa 55 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjoni lir-rikorrenti u porzjon lill-intimat *ope sententium* filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess Att;

5. Tordna lill-intimat jikkonsenja lir-rikorrenti l-beni/krediti dotali u parafernali kollha taghha u tordna l ir-rikorrenti tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta ġuramentata fiż-żmien li trid il-liġi u għalhekk huwa kontumaci f'din il-kawża;

Semgħet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi fir-rikors promotur qed jintalab il-pronunzja tas-seperazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat. Illi qed jintalab ukoll li l-intimat jiġi ordnat iħallas lir-rikorrenti r-retta alimentarja xierqa u/jew tassenja proprjeta` immobbli lir-rikorrenti bl-applikazzjoni tal-artikolu 54(3) u (6) tal-Kap 16. Inoltre`, qed jintalab li jiġi applikat kontra l-intimat l-artikolu 48, u l-artikolu 51 sa 55 tal-Kap 16. Permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed titlob ukoll ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet għall-kontenedenti. Fl-aħħar net, qed jintalab li l-intimat jirritorna l-beni/krediti dotali u parafernali kollha

tar-rikorrenti, sabiex ir-rikorrenti tingħata l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tagħha.

Illi l-intimat naqas li jippreżenta risposta fit-termini stabbiliti bil-liġi, għalhekk huwa kontumaċi.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti: Il-partijiet iżżewġu fl-24 ta' Mejju 1987, u minn dan iż-żwieġ twieled tifel wieħed fil-31 ta' Marzu 1990, li llum hu maġġorenni. Illi matul iż-żwieġ kien hemm serje ta' okkażjonijiet fejn ir-rikorrenti sofriet abbuż kif jidher, mill-assjem tal-provi mir-rapport tal-Pulizija esebiti, li wasslu sabiex eventwalment iż-żwieġ bejn il-kontendenti tfarrak. Jirriżulta li r-rikorrenti ġiet awtorizzata tipproċedi bil-każ odjern permezz ta' digriet numru 58/14 datat 14 ta' Jannar 2014, dokument anness bħala Dok A.

**PROVI**

D E in rappreżentanza tal-ETC ippreżenta Dok JS1 l-'employment history' tar-rikorrenti.

F G in rappreżentanza tal-Valletta Gateway Terminals qalet li l-intimat jahdem ma' VGT bħala 'part equipment specialist' li qabel kien jissejjaħ driver. Hu ppreżenta Dok DC1, l-kuntratt tal-impjieg tal-intimat, Dok DC2, l-'engagement form' tal-intimat bħala driver, Dok DC3, ic-'change of Designation' lill-ETC, Dok DC4 l-FS3 tal-2015, u Dok DC5 sa DC16, 'payslips' ta' kull xahar ghas-sena 2015.

H I in rappreżentanza tal- Bank BOV, qalet li wara riċerka li għamlet fuq ir-rikorrenti, esebiet Dok JB1, 'term accounts' magħluqa, Dok JB2, 'foreign curreny accounts' li hu magħluq, Dok JB3, Savings miftuh li l-bilanċ tiegħu hu Ewro 193.90 sal-15 ta' Frar 2016 (fol 138-166). Semmiet li hemm ukoll 'safe deposit box' u ma taf xejn dwar il-kontenut tiegħu.

Hi xehdet ulterjorment u wara riċerka li għamlet fuq l-intimat, jirriżulta kont wiehed Savings esebiti Dok JB1 u JB2 (fol 178 et seq) u erba' kontijiet joint bejn il-partijiet esebiti bħala Dok JB3 sa

JB6, (fol 238-264) u kkonfermat li din ir-riċerka saret mill-2006 sal-lum.

J K in rappreżentanza tal-HSBC Bank Malta plc xehdet u esebiet Dok AG1 kont Savings f'isem ir-rikorrenti u Dok AG2, kont kurrenti f'isem ir-rikorrenti. Xehdet ulterjorment u esebiet Dok AGA1 kont bankarju f'isem l-intimat mill-1 ta' Jannar 2006 sas-16 ta' Frar 2016 (fol 360 et seq).

RPC 3060 L M, xehed u esebixxa tmien rapporti li għamlet ir-rikorrenti fuq l-intimat Dok FG1 sa FG8, u hemm ukoll id-dokumenti annessi fejn ittieħdu proċeduri kriminali.

N O in rappreżentanza ta' Transport Malta xehed u esebixxa Dok SC1 fejn jirriżulta li l-intimat għandu erba' vetturi imniżżlin fuqu, Dok SC2 juri li fil-passat ma kellu l-ebda vettura f'ismu, Dok SC3 juri l-vetturi f'isem ir-rikorrenti, u Dok SC4 juri l-vetturi f'isem ir-rikorrenti fil-passat.

A B xehdet permezz ta' affidavit[1] qalet li żżewġet lill-intimat fl-24 ta' Mejju 1987 u minn dan iż-żwieġ kellhom tifel li twieled fil-31 ta' Marzu 1990, llum maġġorenni. Semmiet li damu għarajjes sitt snin u ma kienx vjolenti magħha iżda wara ż-żwieg inbidel, sar possessiv u kien hemm sensiela ta' abbuż fiżiku u moħqrija. Spjegat li fi żmien l-għerusija l-intimat kien beda jibni d-dar li kellha tkun id-dar matrimonjali fil-Pieta`. Iżda ftit wara ż-żwieġ skopriet li żewġha kien għamel id-dar fuq ismu biss, filwaqt li ġegħlha tħallas għall-għamara u l-'finishings' tad-dar. Irrakkontat li hi batiet minn abbuż fiżiku, psikoloġiku u anke sesswali matul iż-żwieġ u saret taf bid-drittijiet tagħha malli bdiet tmur l-Aġenzija Appoġġ. Spjegat li hi għalkemm kien ilha ssofri vjolenza ma kinitx għamlet rapport lill-Pulizija mill-ewwel peress li kienet tibza minnu, iżda sussegwentement hi bdiet tagħmel ir-rapporti lill-Pulizija u telgħu anke l-Qorti diversi drabi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u minħabba l-aġir tiegħu weħel penali u anke saret garanzija personali. Spjegat li minbarra l-Aġenzija Appogg hi tmur għand il-Psikjatra Dr. David Mamo u għand il-psikologu Dr. Nicholas Briffa, u xi snin ilu kienet marret anke Dar Merhba Bik minhabba li

[1] Affidavit Fol 350.

ħasset li kienet fil-periklu. Żiedet tgħid li  fl-2008 hi kienet fetħet proċeduri ta’ separazzjoni, matul il-proċess ta’ medjazzjoni hu beda juri li ddispaċih u peress li binhom kien għadu qed igħix magħhom, għalqet il-medjazzjoni u tatu ċans ieħor, iżda sussegwentement l-abbuż kompla. Qalet li żewġha matul iż-żwieġ qatt ma ħalliha taħdem u  llum qed issibha aktar diffiċli biex issib impjieg.

Hi xehdet ulterjorment u kkjarifikat  li d-dar  fejn hi kienet tgħix ma żewġha  fil-Pieta` bdiet tinbena fl-1985 u kienet lesta fl-1987 u żżewġu fl-istess sena fl-1987. Qalet li l-għamara flimkien mal-aperturi switilha LM8,000 u l-bini kien swiegħ xi LM6,000.

PRINCIPJI LEGALI

Illi minn ezami akkurat tal-każ in eżami, jirrizulta li r-rikorrenti qed issejjes l-azzjoni tagħha għas-separazzjoni  fuq l-eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi da parti tal-intimat fil-konfront tagħha.

F’dan il-kuntest, issir referenza għall-artikolu  40  tal-Kodici Civili[2] li jistipula:

“Kull  waħda mill-persuni  miżżewġin  flimkien tista’ titlob il-firda minhabba eċċessi,  moħqrija, theddid jew offiżi gravi  tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx  għadha possiblii  għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabilment.”

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs Benedict Agius[3] ġie enunċjat  illi l-liġi tqiegħed bħala motivi  illi jiġġustifikaw l-azzjoni  tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

[2] Kapitolu 16 tal-Ligijeit ta’ Malta.

[3] Deċiza mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-13 ta’ Gunju 1967, u kkwotata fis-sentenza (Cit Nru 1677/1995/RCP) deċiża fit-2 ta’ Ottubru 2003.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs Edward Thompson[4], ġie ribadit illi sabiex tiġi promessa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, servizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti li tiġi ppruvata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi ghas-servizzi[5] bħala bażi ghas-separazzjoni personali.

Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Gunju 1961, ġie enunċjat illi: "Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala servizzi."

Fis-sentenza diġà iccitata Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi l-inġurji jew offiżi gravi gew defintii bħala li "jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz." Fis-sentenza diġa iċċitata Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, gie ritenut "l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."

L-eccessi ġew imfissra fl-istess sentenza appena ċċitata Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud: "eċċessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta` kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' periklu ghall-ħajja tal-parti l-oħra."

## Responsabbilta` għat-tkissir taż-żwieġ u applikazzjoni tal-Fatti in Eżami

[4] Deċiza mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-sentenza (Cit. Nru1677/1995/RCP) deċiża fit-2 ta' Ottubru 2003.

[5] Ara s-sentenza Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Cit. Nru. 1677/1995/RCP).

Jibda biex jingħad li l-intimat, f’dan il-każ, għalkemm debitament notifikat, naqas li jippreżenta risposta għalhekk huwa kontumaċi.

Illi l-kontumacja fiha innifisha mhijiex ammissjoni iżda għandha tiġi interpretatat bħala oppożizzjoni hekk kif ritenut fil-ġurisprudenza.

“Hu paċifiku li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni.” Charles E vs Salvu Borg[6] u “skont kif dejjem gie referut minn dawn il-Qrati l-kontumaċja għandha tiġi interpretata wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti għalhekk tidħol f’ċerti dettalji li tħoss li huma meħtieġa biex tistabilixxi l-verita` tal-fatti.”[7]

Jirriżulta indubbjament ippruvat, li l-intimat kien ħati ta’ eċċessi, moħqrija theddid u offiżi gravi fil-konfront tar-rikorrenti. Illi xehed PC 3060 u esebixxa r-rapporti flimkien mad-dokumenti meta ttieħdu proċeduri Kriminali kontra l-intimat. Għalkemm m’hemmx esebit xejn dwar l-eżitu ta’ dawn il-proċeduri Kriminali, ir-rikorrenti sostniet fl-affidavit ġuramentat tagħha, li l-intimat weħel penali u nħarġet garanzija personali. Hija kkonfermat ukoll fix-xhieda tagħha li kellha tirrikori għal Aġenzija Appoġġ u kellha wkoll titlaq mid-Dar u tirrikorri għall-għajnuna f’Dar Merhba Bik. Dawn il-fatti mistqarra mir-rikorrenti ma ġewx bl-ebda mod kontradetti.

Għalhekk, fid-dawl ta’ dan, jiġi dedott li m’hemmx raġuni għaliex din il-Qorti m’għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B. Jiġi ritenut li l-intimat irrenda ruħu ħati ta’ moħqrija fil-konfront ta’ martu minħabba moħqrija u theddid kontinwu matul is-snin li huma kienu miżżewġin. Għaldaqstant, dan il-fatt ikkontribwixxa ghat-tifrik taż-żwieġ, u t-tort hu imputabbli unikament fuq l-intimat.

## **L-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-intimat.**

[6] Decia mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Gunju 1997.

[7] Ara wkol Ruth Apap vs Noel Apap, deciza mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-30 ta’ Ġunju 1995; Emanuel Spiteri et vs Benadetta Meilak noe deċiża mill-Prim’ Awla fil-15 ta’ Jannar 2014; Raymond M pro et noe vs Christopher Galea, Prim’ Awla Qorti Ċivili deċiża fis-26 ta’ April 2001.

L-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili huwa mandatarju li jiġi applikat fil-konfront ta’ min għandu tort mill-partijiet, f’każ ta’ abbandun jew ta’ adulterju. Fir-rigward tal-motivi l-oħra ta’ separazzjoni personali, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kap 16 jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. L-Artikolu 48 jipprovdi:

48. (1) Il-parti, ir-raġel, jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef:
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[8];
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(c) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta’ waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jtqiesu l-kontributi b’kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra, f’kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

M’hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba l-moħqrija, l-eċċessi u l-vjolenza da parti tal-intimat. Illi fil-fatt, ġie ppruvat għas-sodsfazzjon tal-Qorti, li kien hemm diversi episodji ta’ vjolenza, moħqrija, theddid u offiżi gravi fil-konfront tar-rikorrenti tant, li wara d-diversi rapporti lill-Pulizija, ittieħdu anke proċeduri Kriminali fil-konfront tal-intimat. Illi r-rikorrenti xehdet bil-ġurament fl-affidavit tagħha, li l-intimat kien weħel penali u anke nħarġet garanzija personali. Illi dan jipprova suffiċjentement il-moħqrija u l-abbuż li kien sar mill-intimat versu r-rikorrenti matul iż-żwieġ. Illi dawn il-fatti u okkorrenzi huma kollha inkontestati.

Adoperat dan ir-raġunament ghall-kaz in eżami, din il-Qorti hija konvinta mill-provi li għandha quddiemha l-azzjoni tar-rikorrenti hija ġustifikata u qed issib lill-intimat ħati ta’ moħqrija, theddid u offiżi gravi fil-konfront tar-rikorrenti.

---

[8] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta’ suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

Konsegwentement, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, fosthom li tiddikjara li bl-imġieba tiegħu, l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand ir-rikorrenti u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tar-rikorrenti.

**<u>Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

Fl-ewwl lok, il-Qorti qegħda tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B.

**<u>Id-dar matrimonjali</u>**

Ir-rikorrenti qed tikkontendi fis-sottomissjonijiet, li d-dar matrimonjali XX, XX, Triq XX, X, fejn kienu joqgħodu l-kontendenti hija parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Madankollu, dan mhuwiex minnu. Illi r-rikorrenti stess fl-affidavit tagħha kkonfermat li wara ż-żwieġ hija skopriet li d-dar matrimonjali kienet fuq isem l-intimat. Hu kien laħaq bniha sad-data taż-żwieġ b'hekk fid-data taż-żwieġ fl-1987, id-dar kienet tlestiet u kompluta, ghalhekk, id-dar matrimonjali hija proprjetà parafernali ta' żewġha C B u ma tiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Ikkunsidrat l-istima *ex parte* tal-Perit David Vassallo rigward din id-dar. Iżda, t-talba tar-rikorrenti, kif sottomessa fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, dwar it-talba għal nofs iż-żieda fil-valur tal-istess dar, ma tistax tintlaqa', proprju għaliex id-dar ma tiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet, iżda hija propjetà parafernali tal-intimat.

B'referenza ghall-ispejjeż li saru fid-dar matrimonjali, kif ikkonfermat ir-rikorrenti fl-affidavit tagħha, u kif ukoll fin-nota ġuramentata tagħha a fol 391 tal-proċess, hi qed tikkontendi li għamlet l-ispejjeż għall-għamara u għall-aperturi tad-dar, li kienu jammontaw LM8,000, ekwivalenti ghal Ewro18,643. Għalkemm ir-rikorrenti ma ġabitx prova f'riċevuti fir-rigward ta' dan, iżda hija kkonfermat dan kemm fl-affidavit ġuramentat kif ukoll fin-nota ġuramentata tagħha. Inoltre`, dan il-fatt mhuwiex bl-ebda mod

kontradett mill-kontro-parti. Għalhekk, din il-Qorti tqis, li fiċ-ċirkostanzi u minħabba t-trappas ta' diversi snin, il-prova aktar determinanti u diretta hija ferm aktar diffiċli, kwindi ser tilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament għal dan l-ammont ta' Ewro18,643.

**Depoziti bankarji**

Referibbilment ghall-prova dwar il-kontijiet bankarji, jiġi sottolineat li kull parti, b'referenza ghall-kontijiet li għadhom miftuħin, iżżomm il-kont u l-ammont indikat fil-kont f'isem il-partijiet, anke peress li l-ammonti hemm indikati mhumiex daqshekk sostanzjali, dan dejjem għall-kontijiet li għadhom miftuha. Din il-Qorti tieħu konjizzjoni tal-kontijiet joint f'isem il-partijiet mal-Bank BOV li jinsabu esebiti minn fol 238 sa 264 tal-proċess.

Dok JB3 - Dan il-kont jirriżulta li għandu bilanċ ta' żero.

Dok JB4 - Dan il-kont għandu bilanċ ta' (Ewro3,830)

Dok JB5 -Dan il-kont hu kont ta' self u l-bilanċ hu żero għax tħallas.

Dok JB6 – Dan il-kont hu kont ta' self u l-bilanċ hu (-Ewro3,690.50).

Ir-riżultanzi li jemanu minn dawn l-erba' kontijiet 'joint' f'isem il-konjuġi B għandhom jinqasmu, għalhekk meta jitnaqqas l-ammont f'debitu, indikat f'Dok JB6, mill-ammont fi kreditu indikat f'Dok JB4, jirriżulta li l-partijiet għandhom l-ammont ta' Ewro 140, li għandu jiġi diviż bejn iż-żewġ kontendenti, u ċjoe, kull wieħed għandu jieħu Ewro 70.

Rigward il-kontijiet bankarji l-oħra li xehdu fuqhom ir-rappreżentanti tal-Banek,[9] il-Qorti qegħda tassenja lil kull wieħed mill-partijiet il-kontijiet intestati f'ismu/isimha.

**Vetturi:**

[9] Seduta tad-29 ta' Frar 2016.

Illi mid-dokumenti esebiti mir-rappreżentant ta' Transport Malta, jirriżultaw il-vetturi reġistrati f'isem ir-rikorrenti u dawk f'isem ir-rikorrent. Il-Qorti qegħda tassenja lil kull wieħed mill-partijiet il-vetturi reġistrati f'isimhom.

**Il-beni dotali u parafernali tar-rikorrenti**

Rigward it-talba l-oħra relattiva għall-beni/krediti dotali u parafernali tar-rikorrenti, din il-Qorti ma ssibx oġġezzjoni illi l-oggetti kollha dotali u parafernali tar-rikorrenti jiġu kkonsenjati lilha sabiex tingħata l-pjena amministrazzjoni tagħhom. Madankollu, ma tressqet ebda prova in sostenn għal dawn il-beni/krediti dotali. Għaldaqstant, fil-karenza tal-prova, tiċħad it-talba.

**Talba għall-manteniment:**

Illi r-rikorrenti qed titlob lill-intimata iħallasha retta alimentari xierqa u adegwata *ai termini* tal-artikoli 54(3) u (6) tal-Kap 16.

Mill-provi u riżultanzi fattwali jirriżulta, li r-rikorrenti ma ħadmitx waqt iż-żwieġ. Hija tikkontendi li l-intimat ma kienx iħalliha tmur taħdem sakemm fiż-żmien li kienu igħixu flimkien bħala konjuġi. Fil-fatt, jirrizulta minn Dok JS1 esebit a fol 43 tal-process, li hija preċedentement għad-data taż-żwieġ kienet taħdem u kien biss sussegwentement għaż-żwieġ li ma baqgħetx tahdem. Ghalhekk il-verżjoni tagħha tinsab korroborata permess tad-dokument tal-ETC, Dok JS1 u cjoe` l-'Employment history'. Illi kif sottomess fin-nota ġuramentata taghha, kien biss reċentement fl-ahhar xhur, li hija sabet impjieg, meta hi llum ghandha fuq il hamsin sena. Għalkemm, fil-preżent ir-rikorrenti hija mara li għandha 'l fuq minn ħamsin sena u għalkemm ma kienx faċli, kif ikkonfermat hi stess biex issib impjieg, iżda fil-preżent, hija qed iżżomm lilha innifisha materjalment. Illi ma jidhirx li hemm impediment sabiex hija tkompli taħdem sabiex taqla l-għixien tagħha. Madankollu, jingħad, li hija ma tilfitx il-jedd tagħha ta' manteniment mingħand żewġha u dan peress li ma jirriżultax mill-eżami tal-provi, li hija kienet taħti għat-tkissir taż-żwieġ, anzi ir-responsabbilta ghat-tifrik taż-żwieġ hija totalment imputabbli lill-intimat. Tenut kont ukoll tal-fatt, li ladarba hija bdiet taħdem meta kellha 'l fuq il-ħamsin sena anke jekk tibqa'

tahdem sa l-eta` pensjonabbli, hija ma tkunx intitolata u koperta bil-bolol tas-sigurta soċjali bħallikieku hadmet matul hajjitha kollha.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, u wara li kkunsidrat l-introjtu tal-intimat u l-provi miġjuba dwar l-introjtu tiegħu, din il-Qorti tqis li l-intimat għandu jħallas l-ammont ta' Ewro 200 li hija r-retta alimentarja dovuta lir-rikorrenti kull xahar.

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tipronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, minħabba tort unikament u esklussivamet imputabbli lill-intimat.

2. Tilqa' limitatament it-tieni talba u tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrent ir-retta alimentarja ta' Ewro 200 fix-xahar *ai termini* tal-Artikolu 54(3) u (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Tilqa' t-tielet talba u tapplika interament fil-konfront tal-intimat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Tilqa' limitatament ir-raba' talba in kwantu tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, iżda tiċħadha in kwantu m'hemmx lok ta' diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet. Iżda, għandu jsir l-assenjazzjoni tal-oġġetti indikati kif ordnat fit-<u>Titolu Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti</u>, suċitat.

5. Għar-raġunijiet spjegati aktar 'il fuq tiċħad il-ħames talba tar-rikorrenti.

L-ispejjeż jitħallsu mill-intimat.